MALTA

# QORTI KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-8 ta' April, 2010

Numru 26/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Mark Brincat**

(Att ta' Akkuza 26/2009)

Illum, 8 ta' April 2010

**Il-Qorti:**

**1.** Din hi sentenza dwar l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-akkuzat bin-nota tieghu prezentata fit-22 ta' Lulju 2009.

**2.** Permezz tal-Att ta' l-Akkuza nru 26 tal-2009, l-Avukat Generali akkuza lil Mark Brincat bir-reat ta' *money laundering* kif ravvizat fl-Artikoli 2 u 3 tal-Kap. 373. Dawn l-eccezzjonijiet gew trattati fl-udjenza tat-2 ta' Frar 2010.

F’din l-udjenza l-abbili difensur tal-akkuzat irtira t-tielet eccezzjoni sollevata mill-akkuzat, b’mod li ghalhekk baqa’ x’jigu decizi biss l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet. Dawn jghidu, testwalment, hekk: “1. Illi l-att ta’ l-akkuza huwa insostenibbili u null in kwantu (a) il-fatti elenkati, esposti u mfissra fil-parti deskrittiva ma jikkostitwux ir-reat li bih qed jigi akkuzat izda r-reat ta’ serq jew ta’ tehid ta’ fondi bankarji bl-Internet; (b) fil-provi migjuba ma hemmx prova wahda li tikkonnetti lill-akkuzat sija mat-**‘tehid’** ta’ flus minn kontijiet bankarji Maltin minghajr il-kunsens ta’ sidhom sija mat-**‘trasferiment’** ta’ flus minn kontijiet bankarji bl-Internet illegalment, kif hemm allegat fl-ewwel paragrafu ta’ l-Att ta’ Akkuza Numru 26/2009. 2. Illi l-akkuzat joggezzjona ghall-qari lill-gurati tas-silta ta’ l-Att ta’ l-Akkuza li taqra: *“Mark Brincat beda jitrasferixxi flus f’kontijiet bankarji bl-Internet illegalment. Illi dawn il-flus kienu qed jittiehdu minn kontijiet Maltin minghajr il-kunsens ta’ sidhom”* u jitlob l-isfilz ta’ dawn il-kliem mill-Att ta’ l-Akkuza, peress li l-akkuzat ma kellu x’jaqsam xejn mat-tehid ta’ flus u ma kien jaf xejn dwar it-tehid ta’ flus minn kontijiet bankarji Maltin.” (kliem in grass tal-istess akkuzat). Fl-imsemmija udjenza tat-2 ta’ Frar 2010 l-Avukat Generali gie mistieden jipprezenta nota fuq xi kweziti li ghamlet il-Qorti, u din giet effettivament prezentata fit-3 ta’ Frar 2010. L-akkuzat ipprezenta nota responsiva fl-1 ta’ Marzu 2010.

**3.** Issa, jekk wiehed jaghsar dawn l-eccezzjonijiet isib li fir-realta` l-akkuzat permezz tat-tieni parti tal-ewwel eccezzjoni (dik immarkata bl-ittra (b)) u permezz tat-tieni eccezzjoni qieghed effettivament jistieden lil din il-Qorti biex, wara li tezamina l-provi kollha migjuba, tiddeciedi f’dana l-istadju li ma hemmx provi li jsostnu l-involviment tal-akkuzat fl-ittehid ta’ flus minn kontijiet bankarji ta’ nies Maltin biex dawn jigu *laundered* tramite l-kont li kien fetah l-istess akkuzat. Dak li qed jitlob l-akkuzat, pero`, jispetta lill-gurati u mhux lil din il-Qorti f’dana l-istadju. Kieku din il-Qorti kellha taghmel hekk, tkun qed tuzurpa l-funzjoni li l-legislatur assenja lill-gurati (Art. 436(2), Kap. 9) jew lill-Imhallef fl-eventwalita` kontemplata fis-subartikolu (6) tal-Artikolu 436, pero` certament mhux f’dan l-istadju ta’ eccezzjonijiet preliminari (u eccezzjonijiet dwar l-ammissibilita` ta’ provi) fejn wiehed ihares aktar lejn il-

forma u lejn pre-rekwiziti formali milli lejn affarijiet ohra. Huwa minnu illi, eccezzjonalment, din il-Qorti f'dana l-istadju tista' tezamina, pero` b'mod sommarju, il-provi biex ghall-anqas tassigura ruhha li dak li qed jigi allegat fl-Att ta' l-Akkuza ma hux xi illazjoni bla ebda fondament ta' xejn, b'mod li l-Att ta' l-Akkuza jkun abbuz tal-process gudizzjarju – ghalkemm anke jekk tasal ghal tali konkluzjoni, ma tistax tiddikjara null l-Att ta' l-Akkuza jew twaqqaf il-procediment. Tali poteri ma humiex moghtija lilha. Minn ezami, kif inghad "superficjali" (fis-sens sabiex wiehed ikun jista' jghid jekk hemmx kaz *prima facie*[1]), tal-provi, pero`, ma jistax jinghad li ma hemmx fondament ghall-akkuza kif migjuba mill-Avukat Generali, l-aktar meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-akkuzat kien qed jitratta ma' nies injoti ghalih u b'*modus operandi* alkwantu suspettuz. Ghalhekk ma hemmx lok li jintlaqghu it-tieni parti tal-ewwel eccezzjoni u t-tieni eccezzjoni.

**4.** Kwantu ghall-ewwel parti ta' l-ewwel eccezzjoni, din hi msejsa fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 449(5)(b) tal-Kap. 9. Issa, kif gie ripetutament imfisser mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, l-iskop tad-diversi disposizzjonijiet li jghidu kif ghandu jkun redatt l-Att ta' l-Akkuza u x'ghandu jkun fih huma intizi mhux ghas-semplici gost tal-formalizmu izda biex l-akkuzat ikun jaf sew biex qed jigi akkuzat u ghalhekk biex ikun jista' jipprepara ruhhu sew ghall-guri (ara *passim* **Ir-Repubblika ta' Malta v. Martin Spiteri** App. Krim. 14/1/2010). Dan japplika wkoll ghall-paragrafi (a) u (b) tal-Artikolu 449(5) imsemmi – ghalhekk, in fatti, l-uzu tal-kelma, fiz-zewg paragrafi, "fis-sustanza". Hekk, per ezempju, jekk ir-reat ikun migjub fi kliem li wiehed ma jistax ikun jaf jekk hux qed jigi akkuzat bi truffa (Art. 308, Kap. 9) jew bi frodi innominata (Art. 309), allura jkun hemm id-difett ravvizat fil-paragrafu (a) imsemmi – ghalkemm tajjeb li jigi ribadit li l-effett tad-dikjarazzjoni ta' nullita` minhabba d-difetti fl-imsemmija paragrafi (a) u (b) ma hux il-liberazzjoni tal-akkuzat, izda li hu jerga' jitqieghed fl-istess posizzjoni li kien fiha qabel ma gie prezentat dak l-Att ta' l-Akkuza (ara s-subartikolu (6) tal-Artikolu 449). Hekk ukoll, ghal dak li jirrigwarda l-

[1] Ezercizzju li, tajjeb li jinghad, ikun diga` sar ukoll mill-Qorti Istruttorja.

paragrafu (b) tal-Artikolu 449(5): jekk il-fatti fil-parti espozittiva jkunu jindikaw ricettazzjoni, pero` fil-parti akkuzatorja jkunu ntuzaw kliem li jindikaw ir-reat ta’ serq, allura hemm id-difett ravvizat f’dan il-paragrafu (b). Fil-kaz in dizamina, pero`, ma hemm ebda tali diskordanza. L-akkuzat jaf ben tajjeb x’inhuma l-fatti li qed jigu attribwiti lilu (ghalkemm, kif rajna, qed jikkontendi li l-provi ma jwasslux ghal tali fatti), u dawn il-fatti jammontaw, fis-sustanza, ghar-reat ta’ *money laundering* kif deskritt fil-parti akkuzatorja. Ghalhekk, dina l-eccezzjoni – l-ewwel parti tal-ewwel eccezzjoni – qieghda wkoll tigi respinta.

**5.** Konsegwentement tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-akkuzat u tordna l-prosegwiment tal-kaz. Tordna li l-akkuzat jerga’ jitqieghed fl-istess posizzjoni li kien fiha minnufih qabel ma ddahhal fl-izbarra llum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------